# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 6.1

## Kap 6: Ngħixu bħal Ġesù

## Lezzjoni 1: Il-ħajja hi dejjem sabiħa

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jirrealizzaw li fil-ħajja l-affarijiet mhux dejjem jiġu kif inkunu nixtiequ.
2. Jitgħallmu li minkejja d-diffikultajiet, m'għandhom qatt jaqtgħu qalbhom.
3. Jitgħallmu jaċċettaw kull sitwazzjoni u jitgħallmu minnha.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- *Puzzle* fuq l-*interactive whiteboard.*
- Ktieb elettroniku Sally sore looser

  http://www.apa.org/pubs/magination/flash/441B099.swf

- Karta ta' taħriġ 6.1.

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

1. Qassam lit-tfal fi gruppi t'erbgħa. Għidilhom li kull grupp se jagħmel *puzzle* fuq l-*interactive whiteboard*. Dak il-grupp li jgħaqqad il-*puzzle* fl-inqas ħin ikun il-grupp rebbieħ.
2. Għid lit-tfal iħarsu sewwa lejn l-*interactive whiteboard*. Hemm se jaraw il-*puzzle* lesta kif għandha tiġi.
3. Uri lit-tfal il-*puzzle* imgerfxa.
4. Stieden lil kull grupp, wieħed wara l-ieħor, jagħmel il-*puzzle*.
5. Għid min hu l-grupp rebbieħ u għid lill-kumplament tal-klassi biex iċapċpulu.
6. Staqsi lit-tfal tal-grupp li rebħu kif qed iħossuhom.
7. Staqsi lit-tfal tal-gruppi li ma rebħux kif qed iħossuhom.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Aqra l-introduzzjoni tal-ktieb *Sally sore looser* lit-tfal.

  http://www.apa.org/pubs/magination/flash/441B099.swf

- Spjega fejn hemm bżonn.
- Staqsi lit-tfal jekk kienx hemm drabi meta ġralhom bħal Sally u xtaqu li dejjem jirbħu huma.
- Erġa staqsi kif jaħsbu li ħassewhom it-tfal l-oħra li kienu fit-tim ta' Sally u għaliex ħassewhom hekk. "Taħsbu li kienu kuntenti b'Sally?"
- Issa erġa' staqsi lit-tfal kif ħassewhom il-membri tal-grupp l-ieħor.

- Iddiskuti mat-tfal kif ħassitha Sally meta rat lil kulħadd sejjer u ħadd ma ried jilgħab magħha.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.1 u spjega Attività 1. Flimkien iddiskuti r-risposti li għandhom jitniżżlu.
- Iddiskuti l-Attività 2 dwar Sally u flimkin aslu biex issibu t-triq it-tajba.
- Spjega l-verbi li hemm mat-triq biex kulħadd jifhem x'irid jagħmel.
- Iddiskutu l-Attività ta' Sam u Tara u ddiskuti l-bżonn li nċedu lil kulħadd.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Nitgħallmu naċċettaw li fil-logħob mhux dejjem irridu nirbħu.
2. Tajjeb nitgħallmu ngħinu lil ħaddieħor jaċċetta li ma jistax ikun rebbieħ f'kollox.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jaslu biex fil-logħob u f'kull ħaġa oħra li jagħmlu, dejjem jagħmlu l-aħjar li jistgħu. Dan ma jfissirx li jekk ikunu qegħdin jilagħbu għandhom dejjem jirbħu.

It-tfal jifhmu u jkunu ferħanin xorta anke meta ma jirbħux. Liil min jirbaħ jgħidulu 'prosit' xorta waħda.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kull grupp se juża l-ideat li ħareġ bihom biex jgħin lil Sally tibdel l-attitudni tagħha. Huma jridu joħolqu sitwazzjoni fejn naraw lit-tfal li kienu fil-grupp ta' Sally jippruvaw jikkonvinċu lil Sally tibdel l-attitudni tagħha kemm mal-grupp tagħha stess kif ukoll mal-grupp rivali.

## Nitolbu

Fl-aħħar tal-lezzjoni, it-tfal jgħaqqdu idejhom flimkien u jgħidu:

**Mulej Ġesu', għinna biex dejjem nagħmlu l-aħjar li nistgħu u meta ma jirnexxilniex naċċettaw xorta l-fallimenti tagħna.**